MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 737/2006

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Maria Theresa Attard (I.D. 332048M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Awissu 2006, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u tliet Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm203.74) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-korporazzjoni attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u tliet Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm203.74), bl-imghaxijiet legali u bl- ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------